



Brussell, 13.12.2012
SWD(2012) 381 final/2

CORRIGENDUM

Annule et remplace le document SWD(2012) 381 final du 14.11.2012

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Blueprint biex Niproteġu r-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa

{COM(2012) 673 final}

{SWD(2012) 382 final}

Introduzzjoni

L-UE żviluppat matul diversi snin politika komprensiva tal-ilma li gradwalment imxiet milli prinċipalment tindirizza tħassib dwar is-saħħa għall-impatti ambjentali tas-setturi l-kbar li jużaw l-ilma. Mill-2000 'l hawn, bl-adozzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD), il-politika dwar l-ilma għamlet pass 'il quddiem f'bidla li ħadet approċċ integrat għall-immaniġġjar tal-ilma, abbażi tal-kunċett ta' "immaniġġjar tal-baċin tax-xmara" bil-għan li jinkiseb status tajjeb tal-ilmijiet kollha tal-UE sal-2015.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (IA - Impact Assessment) tal-Komunikazzjoni "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa" ('il-Blueprint') iġġib flimkien diversi valutazzjonijiet, tidentifika l-isfidi ewlenin għall-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma u tevalwa għażliet alternattivi ta' politika għal azzjonijiet fil-livell tal-UE. Dan is-sommarju eżekuttiv jagħti prominenza lill-messaġġi ewlenin mir-rapport prinċipali.

1. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI U KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI

Il-Blueprint huwa inkluż fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2012 taħt *2012/ENV/005*. L-abbozzar tal-IA iddependa fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa interna u esterna. Ibbenefika mill-kontribuzzjonijiet minn grupp ta' inter servizzi, u mir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Ġew involuti il-partijiet interassati fil-proċess tal-IA fi stadju bikri permezz tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni stabbilita għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (CIS – WFD) li iġġib flimkien l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-pajjiżi tal-adeżjoni, il-kandidati (potenzjali) u dawk taż-ŻEE, kif ukoll il-partijiet interessati u l-NGOs. Fl-24-25 ta' Mejju 2012 saret konferenza tal-partijiet interessati (it-3 Konferenza tal-UE dwar l-Ilma) biex ikunu diskussi l-għażliet għal abbozz ta' politika. Saru żewġ konsultazzjonijiet ta' 12-il ġimgħa l-waħda: l-ewwel waħda dwar il-Kontroll tal-Kundizzjoni tal-Politika dwar l-Ilma, bejn is-6/12/2011 u s-27/2/2012, u t-tieni waħda, dwar l-għażliet tal-politika, bejn is-16/3/2012 u t-8/6/2012.

B'mod ġenerali, il-partijiet interessati taw l-appoġġ tagħhom għal azzjoni mhux leġiżlattiva tal-UE biex ikunu indirizzati l-problemi tal-ilma. Dan kien jinkludi appoġġ għal gwida u għodod b'rabta mal-bilanċi tal-ilma, l-iffissar ta' miri u l-irkupru tal-ispejjeż, kif ukoll azzjoni biex titjeb l-effiċjenza fl-informazzjoni u fir-rapportar. Kien hemm ukoll appoġġ għal xi għażliet leġiżlattivi, bħal possibbilment regolamentazzjoni ġdida dwar standards għall-użu mill-ġdid tal-ilma. Dwar l-introduzzjoni ta' kondizzjonalità addizzjonali fil-finanzjament tal-UE, bħall-Politika Agrikola Komuni (PAK), kien hemm opinjonijiet diverġenti ħafna, għalkemm f'kull każ il-maġġoranza appoġġat l-introduzzjoni ta' aktar kondizzjonalità. Kien hemm ukoll appoġġ qawwi biex jintużaw fondi differenti tal-UE biex jappoġġaw il-miżuri.

2. KUNTEST TAL-POLITIKA, DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMI U S-SUSSIDJARJETA

Id-WFD stabbilixxiet qafas legali biex tikseb immaniġġjar sostenibbli tal-ilma fl-UE. Id-WFD hija implimentata f'sistema ta' ċikli li jerġgħu jseħħu kull sitt snin. L-Istati Membri kien jeħtiġilhom li jagħtu l-ewwel Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara (RBMPs – River Basin Management Plans) tagħhom sa tmiem l-2009 u għandhom jeżaminaw mill-ġdid dawn il-pjanijiet kull 6 snin. Il-Programmi ta' Miżuri (PMs) żviluppatti taħt il-pjanijiet għandhom

ikunu oeptrattivi sa tmiem l-2012. It-2 ċiklu tar-RBMPs jeħtieġ li jkun daħal fis-seħħ sa tmiem l-2015. Sal-2019, id-WFD għandha tkun ġiet eżaminata u, jekk ikun meħtieġ, riveduta.

L-ilmijiet Ewropej jaffaċċaw diversi sfidi, li d-dettalji tagħhom jinsabu fir-Rapport dwar l-Istat tal-Ilma:

- L-informazzjoni rrapportata fl-ewwel RBMPs tindika li aktar min-nofs l-korpi tal-ilma tal-wiċċ fl-Ewropa jinsabu fi **status ekoloġiku mhux daqshekk tajjeb**, u se jkunu jeħtiġu miżuri addizzjonali għal dawk stabbiliti skont Direttivi oħrajn (tan-Nitrati, l-Ilma Urban Mormi, l-Emissjonijiet Industrijali) biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.
- **L-iskarsezza tal-ilma** qed tinfirex fl-Ewropa. Żoni kbar, partikolarment fin-nofsinhar tal-Ewropa, qed jintlaqtu minn skarsezza tal-ilma, filwaqt li l-użijiet li jikkompetu qed iżidu d-domanda madwar il-kontinent.
- Il-frekwenza u l-intensità tal-**għargħar u n-nixfa** u l-ħsara ambjentali u ekonomika tagħhom jidher li żdiedu tul dawn l-aħħar tletin sena. Dan jista' jkun attribwit kemm għal tibdil fil-klima kif ukoll għal pressjonijiet antropoġeniċi oħrajn (eż. il-bidliet fl-użu tal-art).

Pressjonijiet sinifikanti fuq l-ilmijiet tal-UE jirriżultaw mir-rilaxx ta' sustanzi li jniġġsu, l-alterazzjonijiet idromorfoloġiċi u l-astrazzjoni tal-ilma, li jseħħu l-aktar minħabba t-tkabbir demografiku, l-użu tal-art u l-attività ekonomika. Biex din tingħeleb, hemm il-bżonn ta' aktar implimentazzjoni ta' miżuri ta' mmaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma biex jitjiebu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-użu tar-riżorsi tal-ilma, inkluż:

- **Miżuri Naturali għar-Ritenzjoni tal-Ilma** (NWRM - Natural Water Retention Measures) għas-salvagwardja u t-tisħiħ tal-potenzjal ta' ħżin tal-ilma mill-ħamrija u l-ekosistemi, li jwasslu benefiċċji reċiproki, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tad-diżastri, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tagħha.
- Miżuri ta' **effiċjenza fl-użu tal-ilma** li spiss ikunu metodi sostenibbli u kosteffettivi biex jittrattaw sitwazzjonijiet ta' stress tal-ilma għaliex joffru, pereżempju fil-bini, potenzjal ta' ffrankar sinifikanti tal-enerġija assoċjat mal-iffrankar tal-ilma.
- **Provvista alternattiva tal-ilma** bħall-użu mill-ġdid tal-ilma jew id-desalinizzazzjoni.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Blueprint jiffoka fuq problemi u strumenti tal-politika li huma rilevanti għall-**immaniġġjar tal-ilma fil-livell tal-UE**, fejn titqies ukoll l-evalwazzjoni mwettqa fil-kuntest tal-Kontroll tal-Kundizzjoni, il-valutazzjoni tar-RBMPs u l-eżami mill-ġdid tal-politika dwar l-iskarsezza tal-ilma u l-Perjodi ta' Nixfa (WSD – Water Scarcity and Droughts). Ġew identifikati l-4 kategoriji ta' problemi ma' 12-il problema ewlenija li ġejjin.

- **L-ewwel, hemm użu insuffiċjenti ta' strumenti ekonomiċi biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-swieq** li ma jtellfu l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmijin hawn fuq. Partikolarment:

- (1) Skemi attwali ta' **pprezzar** fl-Ewropa spiss jonqsu milli jikkombinaw l-għanijiet ta' effiċjenza u imparzjalità u ma jippermettux grad sostenibbli ta' rkupru ta' spejjeż għall-finanzjament tal-miżuri.
 - (2) Hemm **metraġġ** insuffiċjenti tal-konsum tal-ilma minkejja l-fatt li dan huwa kundizzjoni minn qabel meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' prezzar inċentivat.
 - (3) Hemm sensibilizzazzjoni insuffiċjenti min-naħa tal-konsumaturi u tan-negozji dwar il-kwistjoni tal-ilma kontenut u nuqqas ta' skemi ta' **tikkettar** adegwat, partikolarment għal prodotti kummerċjalizzati globalment.
- **It-tieni**, hemm riskju li l-miri tad-WFD mhux se jinkisbu għaliex hemm **nuqqas ta' integrazzjoni u koerenza ma' oqsma oħrajn tal-politika**, inkluż l-agrikoltura, il-koeżjoni, l-industrija u l-ippjanar tal-użu tal-art. Għall-politika tal-PAK u l-Koeżjoni hemm potenzjal għal iktar integrazzjoni tal-politika li tista' toħroġ mill-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE propost. Iżda, meħtieġ appoġġ ulterjuri:
 - (4) għall-integrazzjoni ta' **miżuri għal użu tal-art**,
 - (5) għal **effiċjenza fl-użu tal-ilma fil-bini u fl-apparati**,
 - (6) biex tkun indirizzata it-**tnixxija fl-infrastruttura tal-ilma** u
 - (7) biex jibda **jintuża l-ilma mill-ġdid** permezz ta' standards komuni tal-UE.
 - **It-tielet**, jeħtieġ titjeb il-**governanza preżentament ineffettiva** billi:
 - (8) Jiġu indirizzati l-**ippjanar u l-immaniġġjar ineffettiv tal-ilma** biex jiġu indirizzati l-problemi ta' koordinazzjoni, għaliex dan jista' jaffettwa l-istabbilment tal-għanijiet globali għal qbid, kif ukoll l-applikazzjoni kosteffettiva ta' miżuri u strumenti individwali.
 - (9) Jiġi żviluppat sett tad-dejta xieraq u metodoloġija konsistenti għall-kalkolu tal-**bilanċi tal-ilma, il-flussi u l-miri ekoloġiċi**.
 - (10) Jitjeb l-ippjanar tal-**immaniġġjar tar-riskju tan-nixfa** f'xi Stati Membri biex tintlaqa' l-isfida għall-protezzjoni tal-ekonomiji u tas-soċjetà minn impatti ta' perjodi ta' nixfa.
 - **Ir-raba'**, jeħtieġ li jkunu indirizzati **l-lakuni fl-għarfien**:
 - (11) Hemm lakuni konsiderevoli fl-informazzjoni, partikolarment fir-rigward ta' metodoloġija konsistenti għall-kalkolu tal-**ispejjeż u l-benefiċċji** tal-PMs jew tan-nuqqas ta' azzjoni.
 - (12) Meta l-informazzjoni hija disponibbli, għad hemm problemi fir-rigward tal-**konsistenza, it-tixrid u l-aċċessibbiltà** fil-livell adatt tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Hemm lok ukoll għal titjib fl-effiċjenza tal-istatistika preżenti u r-rekwiżiti tar-rapportar.

Dawn il-problemi madwar l-UE tal-immaniġġjar tal-ilma qed ifixklu l-kisba ta' status tajjeb u t-tnaqqis tal-istress tal-ilma u tal-vulnerabbiltà għal avvenimenti estremi. Dan iħalli impatti negattivi fl-ambjent tal-ilma u, bħala konsegwenza, fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi. Minbarra dan, hemm impatti soċjoekonomiċi sostanzjali: għadd ta' setturi ekonomiċi (produzzjoni tal-ikel u l-enerġija, it-trasport, it-turiżmu u s-servizzi ta' rikreazzjoni) jiddependu direttament mid-disponibbiltà tal-ilma ta' livelli speċifiċi ta' kwalità u minn servizzi tal-ekosistemi relatati mal-ilma. Avvenimenti estremi bħall-għargħar u n-nixfa wkoll jikkawżaw ħsara sostanzjali ħafna lis-setturi ekonomiċi u lill-popolazzjoni b'mod ġenerali. L-impatti spiss huma konċentrati f'pajjiżi bi dħul aktar baxx u f'reġjuni b'livelli baxxi ta' żvilupp, b'mod partikolari f'żoni rurali, minħabba r-rata aktar baxxa ta' implimentazzjoni ta' regolamenti dwar l-ilma tax-xorb u t-ttrattament tal-ilma mormi, l-infurzar dgħajjed jew nuqqas ta' ppjanar tal-użu tal-art f'żoni li għandhom tendenza għall-għargħar, u anqas aċċess għal teknoloġiji tal-iffrankar tal-ilma, u l-għarfien. Minbarra dan, l-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanità għandhom jitqiesu fi ħdan qafas tad-drittijiet tal-bniedem.

3. GĦANIJET

Il-Blueprint jippreżenta t-tweġiba politika għall-isfidi deskritti hawn fuq bl-għan fit-tul li tkun **żgurata d-disponibbiltà tal-ilma ta' kwalità tajba għal użu sostenibbli u ekwitabbli tal-ilma**. Dan jikkontribwixxi għat-3 dimensjonijiet kollha tal-istrateġija Ewropa 2020 (Tkabbir Intelliġenti, Sostenibbli u Inklussiv). Biex jintlaħaq dan l-għan, hemm il-ħtieġa li fil-livell tal-UE jiġi implimentat approċċ bilanċjat, li jiffoka fuq:

- **Il-Kisba ta' Status Tajjeb** f'korpi tal-ilma tal-UE sal-2015 bħala regola, jew sa mhux aktar tard mill-2027 għal korpi speċifiċi tal-ilma koperti mill-eżenzjonijiet tad-WFD
- **It-tnaqqis tal-istress tal-ilma** billi titqies il-ħtieġa li jinżammu flussi ekoloġiċi fil-livell kompatibbli mal-kisba tal-għanijiet tad-WFD
- **It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà** għat-tibdil fil-klima u l-avvenimenti estremi

Dwar l-istress tal-ilma u l-vulnerabbiltà, għandhom ikunu stabbiliti għanijiet konkreti fil-livell tal-baċin tax-xmara u integrati fit-2 sessjoni tar-RBMPs.

Ġew identifikati erba' settijiet ta' **għanijiet speċifiċi** li jirriflettu l-erba' kategoriji msemmijin hawn fuq ta' mmaniġġjar ta' problemi tal-ilma. Dawn huma:

- Li jiżdied l-**użu ta' strumenti ekonomiċi** għall-allokazzjoni aħjar ta' riżorsi u l-internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni.
- Li titrawwem l-**integrazzjoni** ta' tħassib dwar l-ilma f'politiki settorjali sabiex ikun żgurat l-użu ulterjori ta' **miżuri naturali ta' ritenzjoni tal-ilma**, miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-ilma **fil-bini u fl-apparati**, **użu mill-ġdid tal-ilma** u għodod biex tonqos it-**tnixxija** fl-infrastruttura tal-provvista tal-ilma.

- Li tinkiseb **governanza aktar effiċjenti tal-ilma** u relazzjoni effettiva fil-ħidma ta' bejn l-istituzzjonijiet, u jkunu integrati b'mod sħiħ il-kwalità u l-kwantità tal-ilma u t-tħassib dwar l-idromorfoloġija fl-immaniġġjar tal-ilma.
- Li **jitjiebu l-għarfien u l-għodod** disponibbli għall-maniġers tal-ilma, li jgħinu fit-teħid effettiv tad-deċiżjonijiet u fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv.

4. GĦAŻLIET TAL-POLITIKA

L-għażliet tal-politika vvalutati għall-Blueprint għandhom l-għan li jipprovdu "sett ta' għodod" għall-Istati Membri, li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-miżuri l-aktar rilevanti, u li jistgħu jitqiegħdu fi gruppi taħt 4 approċċi differenti:

- L-ewwel sett ta' għażliet jikkonsisti f'**approċċ volontarju** li jinkludi l-iżvilupp ta' varjetà ta' għodod differenti u gwida biex jappoġġaw l-immaniġġjar prattiku tal-ilma fil-livelli tal-UE u tal-baċini tax-xmajjar.
- Għażliet skont **approċċ regulatorju** għandhom l-għan li jiksbu ħafna mill-istess għanijiet biex jappoġġaw l-immaniġġjar prattiku tal-ilma, iżda permezz ta' mezzi leġiżlattivi.
- Għażliet oħra huma dwar l-isfruttament sħiħ possibbilment tal-**kondizzjonalità** għall-fondi QKA (FEŻR, FK, FAEŻR) ta' wara l-2013 u għall-finanzjament tal-pilastru I tal-PAK, f'konformità mal-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-riforma tal-PAK u mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).
- - Fl-aħħar nett, għażliet oħra għandhom l-għan li jiżguraw il-**prijorità** għall-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma fl-infiq ta' Fondi ta' QKA (Oqfsa Komunitarji ta' Appoġġ) u b'self mill-BEI. Din l-għażla ma ġġibx magħha xi tibdil għall-qafas preżenti tal-politika fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali kif propost mill-Kummissjoni iżda tista' sseħħ biss jekk il-prijoritajiet tal-ilma jitwettqu mill-Istati Membri fl-ipprogrammar u l-ippjanar tal-infiq.

Ġew identifikati 37 għażla tal-politika għall-4 kategoriji ta' problemi msemmijin hawn fuq u 12-il kwistjoni ewlenija. Din il-lista preliminari ta' għażliet ġiet sottomessa għall-konsultazzjoni pubblika u tal-partijiet interessati u ġiet ivvalutata ulterjorment bil-ħsieb li jkun identifikat il-pakkett preferut ta' għażliet. Is-37 għażla jinsabu ppreżentati hawn taħt, b'konnessjoni mal-għan speċifiku li jwieħbu għal, u huma skont, l-approċċ ta' politika li jinsabu kontenuti fiha.

Tabella 1: Lista ta' għażliet meqjusin fil-Valutazzjoni tal-Impatt – l-għażliet bl-*aħmar* u sottolinjati huma miżmumin

għan speċifiku	Approċċi			
	a) Volontarju	b) Regolamentazzjoni	c) Kondizzjonalità	d) Prijorità f'finanzjament
1 ipprezzar	<u>Gwida għal skemi kummerċjali</u>	mhux applikabbli	Inklużjoni fil-pilastru I tal-PAK tal-kundizzjonalità	mhux applikabbli
2 metraġġ	<u>Użu tal-GMES</u>	Emenda tad-WFD	Inklużjoni fil-pilastru I tal-PAK tal-kundizzjonalità	mhux applikabbli
3 tikkettar ta' oġġetti kummerċjalizzati globalment	<u>Tikkettar volontarju</u>	Tikkettar mandatorju	mhux applikabbli	mhux applikabbli
4 NWRM	<u>Gwida tas-CIS</u>	Emenda tad-WFD	Skont regoli ta' implimentazzjoni tal-QKA	<u>Skont il-QKA u self mill-BEI</u>
5.1 Apparati/Prodotti relatati mal-ilma	<u>Tikkettar volontarju</u>	<u>Tikkettar mandatorju</u> <u>Inklużjoni fi Programm ta' Ħidma għal Ekodisinn¹</u>	mhux applikabbli	mhux applikabbli
5.2 Bini	<u>Għotja volontarja ta' rati</u>	Għotja mandatorja ta' rati Rekwiżiti minimi Direttiva	mhux applikabbli	mhux applikabbli
6 Tnixxija	<u>Gwida</u>	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<u>Skont il-QKA u self mill-BEI</u>
7 Użu mill-ġdid tal-ilma	Gwida tas-CIS Standard tas-CEN	<u>Regolamentazzjoni</u>	mhux applikabbli	<u>Skont il-QKA u self mill-BEI</u>
8 Governanza	<u>Evalwazzjoni bejn il-pari</u>	Emenda tad-WFD Emenda tad-Direttiva VAS	mhux applikabbli	mhux applikabbli
9 Iffissar ta' miri	<u>Gwida tas-CIS</u>	Emenda tad-WFD	mhux applikabbli	mhux applikabbli

¹ L-inklużjoni ta' tagħmir li juża l-ilma qed tkun diskussa fil-kuntest tal-Pjan ta' Ħidma għad-Direttiva dwar l-Ekodisinn 2012-2014.

	Approċċi			
għan speċifiku	a) Volontarju	b) Regolamentazzjoni	c) Kondizzjonalità	d) Prijorità f'finanzjament
10 Ippjanar għal perjodi ta' nixfa	Rakkomandazzjoni	Emenda għad-WFD Direttiva dwar perjodi ta' nixfa	mhux applikabbli	mhux applikabbli
11 Spejjeż u benefiċċji	<u>Gwida tas-CIS</u>	Emenda tad-WFD	mhux applikabbli	mhux applikabbli
12 Tixrid ta' tagħrif	<u>Żvilupp ulterjuri ta' WISE</u>	<u>Eżaminazzjoni mill-ġdid tar-rapportar u r-rekwiżiti legali tal-istatistika</u>	mhux applikabbli	mhux applikabbli

5. IDENTIFKAZZJONI TAL-PAKKETT PREFERUT TA' GĦAŻLIET U L-IMPATTI TIEGĦU

Il-valutazzjoni tal-għażliet tista' titqies bħala eżami analitiku tad-diversi approċċi għal kull waħda mit-12-il kwistjoni identifikati. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa, jidher li f'żhafna mill-każijiet, l-għażliet l-aktar xierqa huma skont approċċ ta' gwida. Huwa rakkomandat l-approċċ regolatorju għal 3 kwistjonijiet biss (l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fl-apparati/fi prodotti relatati mal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma u t-tixrid tal-għarfien) għaliex l-kuntest tal-politika preżenti, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-WFD u tal-QFP, iwassal għall-posponiment tal-għażliet regolatorji u ta' kondizzjonalità tal-politika kważi kollha għal stadju aktar tard. L-għażliet preferuti huma daww bl-aħmar u sottolinjati fit-tabella 1.

Għandu jkun enfasizzat li l-elementi li jkunu jinvolvu bidliet leġiżlattivi mhux se jkunu proposti flimkien mal-Blueprint, iżda se jkunu s-suġġett ta' analiżi ulterjuri u se jkunu proposti biss abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt għal strument speċifiku.

Il-gwida u l-għodod proposti se jesploraw l-interazzjoni ma' **strumenti ekonomiċi** speċifiċi u kif dawn jiġu integrati fi Pjanijiet ta' Mmaniġġjar ta' Baċin tax-Xmara, l-Għargħar u l-Perjodi ta' Nixfa. Se jipprovdur informazzjoni biex jappoġġaw żieda fl-użu ta' strumenti ekonomiċi. Madankollu, il-pakkett propost mhux vinkolanti u l-użu ulterjuri ta' strumenti bħal dawn mhux garantit.

Il-pakkett propost jippromwovi **integrazzjoni usa' tal-ilma f'politiki settorjali** permezz ta' linji gwida, ippjanar imtejjeb u għodod li jiffissaw il-miri li jkopru diversi aspetti tal-integrazzjoni settorjali. Se jgħin biex it-tħassib dwar l-immaniġġjar tal-ilma jitqies aħjar fl-għażla tal-proġett applikabbli għall-PAK u għall-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni. Madankollu, ma hemmx garanzija li l-miżuri jiġu implimentati, għaliex l-implimentazzjoni tibqa' volontarja.

Il-gwida inkluża fil-pakkett propost, eż. dwar il-kummerċ fl-ilma u dwar il-bilanċi/miri għall-ilma, kif ukoll is-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari prospettata, se jindirizzaw l-effiċjenza tal-**governanza** fl-ippjanar ta' riżorsi tal-ilma li twassal għal aktar trasparenza u teħid ta'

deċiżjonijiet aktar effettivi. Għandhom jitneħħew il-piżijiet mhux meħtieġa minn rekwiżiti eżistenti ta' rapportar skont il-liġi tal-UE dwar l-ilma.

Il-pakkett propost jinkludi firxa wiesgħa ta' gwida u għodod ġodda biex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti li jaffaċċaw il-maniġers tal-ilma. L-informazzjoni dwar il-bilanċi tal-ilma u l-flussi ekoloġiċi għandha timla l-lakuni kbar fl-**għarfien** għal maniġers tal-ilma. Titjib fil-pjattaformi tal-informazzjoni u l-ġoti ta' informazzjoni fil-livell tal-UE għandhom jipprovdu aċċess akbar għal dejta aktar f'waqtha u interoperabbli biex jitwasslu deċiżjonijiet aktar effettivi dwar l-immaniġġjar tal-ilma u l-iżvilupp ta' politika fil-livelli tal-UE, nazzjonali u tal-baċini tax-xmajjar. Madankollu, dan isir b'mod volontarju.

Il-pakkett propost itejjeb l-**effiċjenza tal-politika tal-UE dwar l-ilma** billi jimla l-lakuni fl-għarfien, itejjeb il-governanza u jiffoka fuq rekwiżiti ta' rapportar biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. Iħalli l-flessibbiltà għat-tfassil ta' strumenti għal sitwazzjonijiet fejn il-kost effettività hija għolja. L-emendi li jistgħu jiġu proposti għar-rekwiżiti ta' rapportar dwar il-liġi tal-ilma għandhom jegħelbu l-problemi eżistenti dwar il-koerenza. Il-pakkett propost għandu jżid il-koerenza bejn il-politiki rilevanti tal-UE (partikolarment tal-PAK, ta' Koeżjoni, tas-Saħħa u l-Enerġija).

Il-pakkett propost se jikkontribwixxi biex ikunu indirizzati l-problemi tal-istatus ekoloġiku tal-ilmijiet tal-UE, l-istress tal-ilma u l-vulnerabbiltà għal avvenimenti estremi. Ix-xogħol ta' mmudellar magħmul għall-Blueprint, flimkien mal-valutazzjoni ta' miżuri individwali, jipprovdu elementi għall-valutazzjoni tal-**impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali** tal-implimentazzjoni fil-livell tal-UE tal-kategoriji differenti ta' miżuri, partikolarment tal-kisbiet fl-effiċjenza fl-ekonomija kollha permezz ta' miżuri ta' mmaniġġjar tal-użu tal-art, titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma u tkun żgurata d-disponibbiltà tal-ilma nadif. Madankollu, l-impatti attwali tal-miżuri se jkun jidhru biss fil-livell ta' kull wieħed mill-110 baċin tax-xmara tal-UE li huwa l-livell pertinenti tal-analiżi. L-għodod żviluppanti fil-kuntest tal-Blueprint (il-bilanċi tal-ilma, l-immudellar idroekonomiku, il-bażi tad-dejta tal-miżuri) se jappoġġaw lill-Istati Membri biex iwettqu din l-analiżi fil-kuntest tat-tnejjija tar-RBMPs li jmiss u biex jagħżlu t-taħlita l-aktar adatta tal-miżuri.

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Blueprint se jiddependu fuq l-**Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni** tad-WFD² (is-CIS tad-WFD) bħala pjattaforma. L-implimentazzjoni se ssir f'żewġ fażijiet li jikkorrispondu maż-żewġ perjodi li ġejjin tas-CIS:

- Fl-ewwel fażi (2013-2015), l-għan se jkun li tiġi influwenzata t-**tħejjija tar-RBMPs li jmiss**, li għandhom ikunu sottomessi mill-Istati Membri sal-aħħar tal-2015, u li tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien u l-għodod li se jappoġġaw il-valutazzjoni ta' dawn il-pjanijiet u l-eżami mill-ġdid tad-WFD.
- - It-tieni fażi (2016-2018) se tkun iddedikata għall-valutazzjoni ta' dawn il-pjanijiet u għat-**tħejjija tal-eżami mill-ġdid tad-WFD**.

² http://ec.europa.eu/environment/water/water-framework/objectives/implementation_en.htm

Għandha tkun żviluppata **Tabella ta' Valutazzjoni tal-Blueprint** biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proposti tal-Blueprint u tevalwa l-progress. Din se tkun diskussa kull sena mill-Grupp ta' Koordinazzjoni Strateġika tas-CIS u mid-Diretturi responsabbli għall-qasam tal-Ilma.